Minuti tal-Laqgħa Nru. 48 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużati | Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa-Ġieħ Ħal Luqa
5. Kwotazzjonijiet-Kiri ta' Garaxx
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana qal lis-Segretarju sabiex l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill tibda tintbagħat lil għaqdiet.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana emfasiżża fuq il-vann li peress li dan huwa two seater dan għandu jintuża għalhekk biss u mhux jiġu mrikkba aktar nies.

3.2 Is-Sindku saqsa lil Kunsillier Caruana jekk huwa kienx kellem lil xi ħadd rigward it-toroq li kienu mwiegħda li kellhom issiru mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa gaħndu appuntament diġa biex ikellem lil min hu konċernat fuqhom. Is-Sindku informa lil Kunsillier, li Dr. Chris Said kien informa lil Kunsill li kellu jinbeda x-xogħol fuq dawn it-toroq din is-sena u se jkunu qed jinqasmu fuq żewġ fażijiet.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li fi Triq Ġużeppi Ellul hemm għadajjar u ppropona li tinqala parti mit-triq u terġa ssir biex ma jitħallewx għadajjar. Is-Sindku semma li f' kull triq jista jkun hemm xi għadajjar imma fi Triq Ġużeppi Ellul saret kif suppost.

3.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk Triq Sir. Ugo Mifsud il-kuntrattur kienx tħallas. Is-Sindku rrisponda li dan għadu ma tħallasx u qabel ma jsir ix-xogħol skont l-istandards dan mhux se jitħallas.

3.5 Il-Kunsillier Caruana appella biex issiru sleeping policeman fi Triq Sant' Andrija peress li qed ikun hemm karozzi li jgħaddu bi speed eċessiv.

3.6 L-istess kunsillier talab stimi tat-toroq li qed issiru bħalissa mill-Kunsill. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex ikellem il-perita tal-Kunsill sabiex din tagħtih stimi aġġornati.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma biex jinkinsu t-toroq għal okażżjoni tal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira peress li se jkun hemm il-purċċissjoni għaddeja.

3.8 Rigward Triq San Ġorġ il-Kunsillier Caruana semma li għandu jsir scarifying tat-Triq sabiex it-Triq kollha tiġi livell u ma jkunx hemm għadajjar. Is-Sindku semma li waqt li kienet qed issir it-triq, il-perita ħadet in konsiderazzjoni ta din il-problema u l-wiċċ l-ġdid ġie jaqbel ma dak l-antik.

3.9 Is-Segretarju ressaq ukoll il-Memos li waslu lil Kunsill mill-laqgħa preċedenti s' issa.

## 4.0 JUM ĦAL-LUQA-ĠIEĦ ĦAL-LUQA

4.1 Is-Sindku beda jitkellem fuq dan l-item billi semma li huwa kien qal lil Kunsilliera preżenti fil-laqgħa preċedenti biex jekk huma jafu lil xi ħadd li jista jiġi nominat għal Ġieħ Ħal Luqa jsemmuh f' din il-laqgħa.

4.2 Il-Viċi Sindku semma li huwa jaf lis-Sinjorina Agnes Azzopardi li fil-fehma tiegħu jistħoqqilha tingħata dan l-unur. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta u għalhekk għaddiet.

4.3 Il-Kunsillier Caruana kien semma lis-Sinjorina Mary Magri fil-laqgħa preċedenti fejn huwa kien għadda mozzjoni fil-laqgħa ta' qabel u li din għadha in vigore. Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll ma din in-nominazzjoni u intgħażlet ukoll is-Sinjorina Magri biex tingħata dan il-Ġieħ.

## 5.0 KWOTAZZJONIJIET KIRI TA' GARAXX

5.1 Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li kienu daħlu rigward it-talba li saret għal kiri tal-garaxx għall Kunsill. Min dawn kien hemm tlieta li huma ta Nardu (Iż-Żinu), Emanuel Muscat u Johnny Cassar. Is-Segretarju qara l-offerti u anki semma il-qisien tal-garaxxijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta ma kull offerta.

5.2 L-offerta ta Emanuel Muscat kienet fuq garaxx ta tul 24 pied u wisa ta 17 il-pied (min naħa ta wara). Is-Sur Muscat fl-offeta tiegħu talab il-kirja ta € 1281,15 (Lm 550) fis-sena, inkluż id-dawl u l-ilma.

5.3 L-offerta ta Johnny Cassar kienet fuq garaxx ta tul 25 pied u wisa ta 13 il-pied. Is-Sur Cassar fl-offeta tiegħu talab il-kirja ta € 1246 (Lm 535) fis-sena u anki lest li jidħol fi ftehim fuq dan il-prezz għal ħames snin. Fl-offerta tiegħu huwa qal 'Jekk il-Kunsill ikun irid l-elettriku u l-ilma jiena nipprovdihom.'

5.4 L-offerta li kienet ippreżentata min Nardu (Iż-Żinu) kienet ta' € 1630,56 u l-ogħla waħda u anki ma kienx hemm proviżjoni ta servizz tad-dawl u l-ilma u għalhekk din ma kinitx diskussa.

5.5 Is-Sindku ippropona li tintgħażel l-offerta ta Johnny Cassar peress li kienet l-iktar waħda vantaġġjuża.

5.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-bieb tal-garaxx hux kbir biżejjed biex ikun jista' l-vann tal-Kunsill. Is-Segretarju sab li kien hemm miktub li l-bieb huwa wiesgħa 9 piedi li huwa suffiċjenti biex ikun jista' jidħol il-vann. Il-Kunsilliera preżenti raw ukoll li d-daqs tal-bieb kien suffiċjenti.

5.7 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-garaxx tas-Sur. Cassar kienx fih dawl u ilma. Huwa qal li jekk dan ma jkunx fih dawl u ilma ma jaqbilx li l-Kunsill jieħdu. Is-Sindku għamilha ċara li għandha titniżżel il-kundizzjoni biex il-persuna in kwistjoni idaħħal id-dawl u l-ilma u l-konsum ikun imħallas kollox min naħa tal-kerrej. Din għandha titniżżel bil-miktub.

5.8 Is-Sindku għadha lil Kunsill dawn l-offerti biex jieħu deċiżjoni fuqhom. Il-Kunsill approva l-offerta ta' Johnny Cassar b' vot unanimu.

**7.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ**

7.1 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza fuq dan l-item.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Is-Segretarju ressaq is-schedule of payments li daħlet għax xahar ta' Marzu.

8.2 Is-Segretarju spjega lil Kunsill fuq xi pagamenti li ma kinux qed jidhru fuq is-schedule of payments.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Ħamis 25 ta' Marzu fis-6.15 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa tax-xahar t' April.

Konfermati llum ________________________ 2011.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |